MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. PHILIP MANDUCA

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 333/2005

**Maltacom p.l.c. – C22334**

**Vs**

**Romina Borg – I.D. 47169M**

## It-Tribunal

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta’ tlett mija u tnejn u disghin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm392.88c) rapprezentanti servizz tat-telefon bin-numru 21319847 liema servizz gie nstallat fil-fond ‘Cortile Di Maria’ Flat/6, Triq ta’ Bieb it-Torri, Msida skond diversi kontijiet mibghuta lilha.
Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali.

Ra illi l-konvenuta Romina Borg, debitament notifikata, ma kkontestatx it-talba attrici.

Sema' lil Dr Ingrid Zammit Young tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx.

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u tnejn u disghin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm392.88c) bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------